MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 212/2018LM

**Christopher Scicluna (K.I. nru. 30984(M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Neil Baldacchino Kerr (K.I. nru. 564877(M))**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Neil Baldacchino Kerr (K.I. nru. 564877(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat'] mis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Frar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet fil-konfront tiegħu r-rikors tar-rikorrent **Christopher Scicluna (K.I. nru. 30984(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] kif ġej:

> *"...filwaqt illi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, qiegħda tilqa' parzjalment it-talba tal-attur billi tikkundanna lill-konvenut Neil Baldacchino Kerr iħallas lill-istess attur, Christopher Scicluna, is-somma ta' sebat elef, mija u tmienja u sittin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€7,168.86) għar-raġuni mogħtija fir-Rikors promotur bl-imgħax mid-data tal-ewwel sejħa ġudizzjarja għall-ħlas ċioé mis-27 ta' Awwissu 2018 u bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal kwint (1/5) mill-attur u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.".*

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-fornitura ta' xogħol u ta' materjal mir-rikorrenti, relatati mal-istallazzjoni ta' servizzi ta' dawl u ilma u drenaġġ ġewwa l-fond nru. 1, Triq Ħal Dwieli, Sqaq nru. 2, Ħaż-Żebbuġ [minn issa 'il-fond'], u dan fuq inkarigu tal-intimat. Jirriżulta li mal-preżentata tal-kont finali tal-4 ta' April, 2018[1], l-intimat ikkontesta diversi partijiet minnu hekk kif jirriżulta minn Dok. NBK2.[2]

## Mertu

3. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fl-20 ta' Settembru, 2018 fejn ħarrek lill-intimat sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex iħallas:

---

[1] Ara kopja *a fol.* 2.
[2] *A fol.* 103.

*"...lill-attur, is-somma ta' tmint elef seba' mija u tmien Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€8,708.86), inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' diversi fornituri u xogħlijiet relatati ma' installazzjoni ta' dawl u ta' ilma ġewwa l-fond ossija 1, Triq Ħal Dwieli, Sqaq Numru 2, Ħaż-Żebbuġ, Malta, li saru mill-attur fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tiegħu, liema bilanċ huwa muri fir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala DOK: A, datat 4 t'April 2018;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali (1483/2018) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (1713/2018) tas-27 t'Awwissu 2018, u bl-imgħaxijiet legali, dekorribbli mis-27 t'Awwissu 2018 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni."*

4. L-intimat eċċepixxa s-segwenti:

*"1. Qabel xejn, l-attur għandu jispjega fis-sħiħ il-kalkoli li wassluh għall-kont u l-ammont li qed jippretendi bħala ħlas mingħand l-esponent.*

*2. F'kull każ, il-kont maħruġ mill-attur fih diversi żbalji u nuqqasijiet, inkluż fost oħrajn, rati miżjuda bejn il-kwotazzjoni oriġinali u l-kont finali; imposizzjoni ta' VAT fuq* items *li fuqhom ġjà kien il-VAT imħallas;* items *li jinkludu talbiet għal ħlas ta' xogħlijiet rimedjali li saru b'riżultat tal-ħtija tal-attur jew ta' persuni imqabbda minnu;* items *li l-prezz tagħhom ġie miżjud bejn kont* interim *u l-kont finali minkejja li ma sar ebda xogħol addizzjonali bejn l-ewwel kont u dak finali.*

*3. Inoltre, u f'kull każ, l-attur jew persuni imqabbda minnu għamlu ħsarat fil-post in kwistjoni numru 1, Triq Ħal-Dwieli, Sqaq Numru 2, Ħaż-Żebbuġ, liema ħsarat huwa kkommetta ruħu li jirrimedja a spejjeż tiegħu iżda sallum baqa' ma għamel xejn.*

*4. Inoltre, u f'kull każ ukoll, il-kont finali ma jirriflettix il-kwotazzjoni jew ir-rati indikati fl-istess kwotazzjoni.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

## **Is-Sentenza Appellata**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-pretensjoni tal-attur f'din il-kawża hija għall-ħlas tas-somma ta' €8,708.86 rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' diversi xogħlijiet relatati mal-istallazzjoni ta' dawl u ta' ilma fost xogħlijiet oħrajn, fil-fond tal-konvenut ġewwa Ħaż Żebbuġ.*

*Hemm qbil illi x-xogħlijiet appaltati lill-attur u eżegwiti minnu fil-fond tal-konvenut, jikkonsistu prinċipalment f'xogħol ta' alterazzjoni u tiswija fis-sistema u fl-istallazzjonijiet ta' dawl u ilma u drenaġġ li kienu diġà eżistenti fil-post, kif ukoll l-istallazzjoni ta' sistema ta' alarm u CCTV, fost xogħlijiet oħrajn. Hemm qbil ukoll li x-xogħlijiet li kienu qed jiġu eżegwiti fil-fond tal-konvenut kienu jiġu sorveljati minn Project Manager maħtur mill-konvenut u li l-attur eżegwixxa u lesta x-xogħlijiet kollha li ġie inkarigat jagħmel.*

*Il-verżjoni tal-attur hi illi x-xogħlijiet damu sejrin madwar tlett snin u kull sena kien jintbagħat kont lill-konvenut bix-xogħlijiet kollha li jkunu saru sa dakinhar għaliex kull tant żmien, il-konvenut kien jitlob li jiżdied xi xogħol. Dan ix-xogħol kien jiġi eżegwit skont l-istruzzjonijiet tal-konvenut. Skont l-attur, dawn il-kontijiet, tlieta b'kollox, ma humiex kontijiet finali jew quotations iżda jikkonsistu f'rendikont tax-xogħlijiet li kienu saru sad-data tal-kont relattiv u tax-xogħol addizzjonali li l-konvenut kien ikun talab li jsir u kemm ikun ser jiswa. L-aħħar kont, dak finali, inħareġ fl-4 ta' April 2018 bħala invoice li jinkludi fih ix-xogħol kollu li kien sar fil-fond tal-konvenut b'valur totali ta' €25,177 li flimkien mal-VAT fis-somma ta' €4,531.86, jammonta għas-somma ta' €29,708.86. Il-konvenut kien ħallas €21,000 fuq medda ta' tliet snin u għalhekk, il-bilanċ li fadal huwa ta' €8,708.86, liema bilanċ baqa' qatt ma tħallas.*

*Speċifikatament, l-attur isostni li l-quotation oriġinali li ntbagħet permezz ta' email lill-konvenut fit-18 ta' April 2015 (fn. 2 fol. 51) kienet tirreferi biss għal xogħol ta' tibdil tas-sistema tal-lighting installation li kien hemm eżistenti ġewwa l-fond tal-konvenut, għal waħda ta' intelligent lighting u filwaqt li din il-quotation ġiet aċċettata mill-konvenut, huwa sussegwentement talab li jsiru iktar xogħlijiet li kienu aktar estensivi minn dawk indikati fil-quotation oriġinali, fosthom fl-istallazzjonijiet tal-ilma u low voltage, kif ukoll tad-drenaġġ.*

*Il-konvenut da parti tiegħu, jafferma illi huwa kien aċċetta r-rati indikati fil-quotation tat-18 ta' April 2015, kif ukoll f'dik li ntbagħtet f'Novembru 2015, iżda ma jaqbilx li in segwitu kien ordna xogħlijiet iktar minn dawk elenkati f'dawn l-ewwel żewġ quotations u jinsisti li x-xogħlijiet kollha huma inklużi fil-lista tax-xogħlijiet datata 13 ta' Novembru 2015.*

*Speċifikatament, il-partijiet ma jaqblux dwar jekk ix-xogħlijiet konnessi mal-istallazzjoni tal-underfloor heating li minħabba fiha kellha titbaxxa l-art tal-fond tal-*

*konvenut, kienux xogħlijiet li jifformaw parti mill-appalt oriġinali jew xogħlijiet addizzjonali miżjuda wara l-quotation oriġinali.*

*Il-konvenut illimita l-kontestazzjoni tiegħu tal-ammont ta' €8,708.86 reklamat mill-attur fil-kont finali għal items speċifiċi kif fuq indikat u kkwantifika l-ammont kontestat minnu fil-kont finali fis-somma ta' €4,781 li hija maħduma fuq il-prezzijiet indikati fil-kont qabel iż-żieda tal-VAT. Huwa ddikjara wkoll espressament li huwa dispost li jħallas lill-attur l-ammont riżultanti wara li jitnaqqas dan l-ammont mill-kont finali.*

*L-oppożizzjoni tal-konvenut għall-ħlas mitlub mill-attur hija fondata fuq is-segwenti binarji:-*

*• Il-kont finali mibgħut mill-attur fih rati ta' prezzijiet li huma ogħla mir-rati li indika l-attur fil-quotation tat-13 ta' Novembru 2015, liema quotation kienet ġiet aċċettata mill-konvenut u għalhekk għandha titqies bħala l-bażi tal-ftehim ta' appalt konkluż bejn il-partijiet.*
*• Qed jintalab jerġa' jħallas taxxa fuq il-valur miżjud fuq diversi items meta din it-taxxa kienet diġà kompriża fil-prezz imħallas mill-attur meta huwa xtara dawn l-items oriġinarjament.*
*• Qed jintalab iħallas għal xogħlijiet rimedjali biex tissewwa ħsara li saret mill-attur innifsu u fir-rigward il-konvenut indika taħt is-sezzjoni intestata "Sewage Drains".*
*• Żbalji u nuqqasijiet fil-kont.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva, qabel xejn li l-oneru tal-prova huwa mixħut fuq l-attur u għas-suċċess tal-azzjoni, il-grad tal-prova li għandu jissodisfa l-attur huwa tal-preponderanza tal-provi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, li jwassal lill-ġudikant għal ċertezza morali dwar il-veraċità tal-verżjoni attriċi, u xejn iktar. Kif gie affermat fis-sentenza tat-28 ta' April 2004, fl-ismijiet* ***Giordmaina Medici vs Rizzo****:-*

"... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet".

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ivan Azzopardi nomine v. Hennng Jarmers*** *(fn. 3 Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fit-2 ta' Lulju 2018), ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet* ***Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et****, deċiża fil-11 ta' Novembru, 2011, fejn il-Qorti tal-Appell qalet:-*

"Fil-kamp ċivili il-ġudikant għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex u mhux fuq sempliċi possibiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed bħala Ii hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu neċessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili".

*Dan ifisser illi jinkombi lill-attur f'din il-kawża biex, rinfaċċjat bil-kontestazzjoni tal-konvenut għal uħud mill-prezzijiet li qed jintalab iħallas fil-kont tal-4 ta' April 2018, jikkonvinċi lill-Qorti billi jressaq provi sodisfaċenti, li l-ammont minnu reklamat hu effettivament dovut.*

*Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, huwa evidenti illi l-partijiet jagħtu verżjonijiet kontradittorji dwar uħud mill-aspetti tal-vertenza, prinċipalment dwar iż-żmien meta tlestew ix-xogħlijiet differenti kompriżi fl-appalt u dwar liema xogħlijiet kienu previsti fl-appalt oriġinali u liema żdiedu wara. In materja ta' kunflitt fil-verżjonijiet, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawża fl-ismijiet* ***Maria Xuereb et vs Clement Gauci et****:-*

"Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u

2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".

Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.

Fi kliem iehor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."

*Ingħad ukoll hekk in propositu fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet* ***George Bugeja vs Joseph Meilak*** *(fn. 4 Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ottubru 2003):-*

"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment.

Ghax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."

*Dawn il-prinċipji l-Qorti sejra tapplikahom għall-fattispeċje tal-każ quddiemha fid-deliberazzjonijiet tagħha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha.*

***<u>Kontestazzjoni dwar Rati u Prezzijiet</u>***

*Fil-prospett minnu esebit (Dok. NBK2), il-konvenut elenka u kwantifika l-kontestazzjoni tiegħu in kwantu għal dawk l-items fil-kont finali tal-4 ta' April 2018 li ma jaqblux mal-prezz reklamat mill-attur f'din il-kawża.*

***Electrical Installation: Items 1 u 28***

*B'referenza għal items 1 tal-kont finali, fis-somma ta' €6,800, il-konvenut jinsisti li għandha titnaqqas is-somma ta' €960 għaliex l-istallazzjoni tas-sistema tal-under floor heating kien previst mill-bidu, sa minn qabel l-attur beda jeżegwixxi l-appalt, bħalma kienet prevista wkoll għalhekk il-ħtieġa li jinqalgħu il-lighting points u l-power points kollha sabiex jitbaxxew il-papijiet. Jikkontendi għalhekk illi huwa ma għandux iħallas għal xogħlijiet żejda li kellhom isiru biss minħabba nuqqas tal-attur li jagħmel ix-xogħol kif kellu jsir mill-bidu nett. Skont il-konvenut, dan ma kienx xogħol żejjed li ġie ordnat wara, tant illi l-kwotazzjoni maħruġa mill-kumpannija li installat l-underfloor heating hija datata Lulju 2014 u għalhekk, ir-rimozzjoni tal-lighting points u power points b'konsegwenza tat-tbaxxija tal-pajpijiet ma kienetx imprevista iżda kienet diġà maħsuba sa mill-bidu nett tant illi dan jidher fil-kont tat-13 ta' Novembru 2015.*

*Kif sewwa rrimarka l-konvenut fl-email li huwa bagħat lil Michael Scicluna fit-8 ta' Ġunju 2018 (fn. 5 Fol. 89) , is-somma ta' €960 li kellha titnaqqas mill-istima oriġinali ta' €6,800, baqa' qatt ma tnaqqset. Il-Qorti tosserva li kien Michael Scicluna stess li fil-kont datat 13 ta' Novembru 2015, iddikjara li s-somma ta' €960 rappreżentanti "Electrical Points done by others to be reduced from item A8" (fn. 6 "Quotation Given on 18/April for the Lighting Installations") kellha tiġi mnaqqsa mill-kont (fn. 7 fol. 49) , liema items jirrappreżenta "Quotation Given on 18/April for the Lighting Installations" u jinsab elenkat fis-sezzjoni tal-kont intestata* "Additional Items Already Done".

*Il-verżjoni tal-attur hi li l-istima oriġinali ma baqgħetx tapplika għaliex filwaqt li din ġiet maħduma fuq l-indikazzjoni tal-konvenut li kien hemm numru ta' lighting points*

*u ta' power points ġjà installati li setgħu jinżammu, sussegwentement il-konvenut kien iddeċieda li jistalla underfloor heating li jfisser li kellhom jinqalgħu il-points kollha sabiex jitbaxxew il-pajpijiet ta' taħt l-art biex ikun hemm wisa' għall-pajpijiet tal-under-floor heating.*

*Il-Qorti tosserva li fl-email li ntbagħat lill-konvenut fit-18 ta' April 2018 bl-istima oriġinali, Michael Scicluna kien fisser espressament li l-istima setgħet tkun ogħla minħabba li ma ħax in konsiderazzjoni n-numru ta' socket outlets li jridu jiżdiedu. Għall-Qorti, din hija riżerva ċara li l-istima ta' €6,800 għall-istallazzjoni elettrika setgħet tiżdied jekk eventwalment ikun hemm żieda fin-numru ta' sockets. Kemm hu hekk, iż-żidiet fix-xogħlijiet oriġinarjament kwotati, jinsabu elenkati espressament fil-kont tat-13 ta' Novembru 2015 (fn. 8 Fol. 48) fejn jirriżulta li oltre għax-xogħol oriġinarjament stmat għall-istallazzjoni elettrika, kienu saru wkoll ix-xogħljiet addizzjonali elenkati fl-items 1 sa 7 tal-istess kont tat-13 ta' Novembru 2015 u li n-numru ta' socket outlets li ġew istallati, effettivament żdied ("Additional Items Already Done").*

*Michael Scicluna xehed hekk fir-rigward:-*

"... lura fl-2015 jiena kont ktibtlu fis-sens illi kien hemm numru ta' lighting points u numru ta' power points li kienu ġjà istallati fil-post u li aħna stajna nżommu. Madanakollu, wara li kont ktibt lil Neil f'dan is-sens, Neil kien iddeċieda li jinstalla under-floor heating u għalhekk aħna kellna naqilgħu dawn il-lighting points u power points kollha sabiex inbaxxu l-pajpijiet kollha ta' taħt l-art sabiex jitħalla spazju għall-pajpijiet tal-underfloor heating".

*Kif ingħad, il-konvenut jikkontendi illi l-attur kien konxju minn qabel beda x-xogħlijiet, li l-livell tal-art kellu jitbaxxa biex jiġi istallat l-underfloor heating. Fil-fatt, Peter Caruana, il-Project Manager inkarigat mill-konvenut biex jissorvelja x-xogħlijiet, xehed illi qabel l-attur beda jaħdem fil-post, l-art tal-fond tal-konvenut kienet diġà tbaxxiet. Għalkemm mhux ċar meta effettivament l-art tbaxxiet u jekk dan seħħx qabel ingħatat l-istima oriġinali fit-18 ta' April 2015, il-Qorti tosserva illi mir-rendikont tax-xogħlijiet li laħqu saru in segwitu għall-istima oriġinali, jirriżulta illi l-attur kien diġà konxju tal-fatt illi s-sockets tal-kċina kellhom jiġu rimossi għal livell ogħla (items 7) u indubbjament kien diġà konxju dwar dan meta ħareġ il-kont tat-13 ta' Novembru 2015.*

*B'żieda ma' dan, jiġi osservat ukoll illi fl-email fejn intbagħtet l-istima oriġinali, l-attur kien diġà talab lill-konvenut jivverifika l-korrettezza tal-pożizzjoni tal-iswitches u lighting points indikati fid-disinji riprodotti fl-email,* "to check if are good" *u ma jirriżulta mkien fix-xhieda tal-attur jew ta' Michael Scicluna li l-pożizzjoni indikat*

*f'dawn id-disinnji ma kienetx indikata korrettement u li kellha tinbidel* ***in segwitu għall-kont tat-13 ta' Novembru 2015****. Il-Qorti tqis li kien jinkombi lill-attur iressaq prova li l-konvenut kien afferma b'mod skorrett il-pożizzjoni indikata f'dawn id-disinnji u li l-pożizzjoni tas-sockets in kwistjoni kellha tinbidel minħabba nuqqas tal-konvenut li jindika l-pożizzjoni korretta tempestivament.*

*Fuq kollox, anke jekk għal mument kellha tiġi aċċettata l-verżjoni tal-attur li s-somma ta' €960 baqgħet ma tnaqqsitx mill-kont għaliex kellhom jinqalgħu il-lighting points u power points kollha sabiex jitħalla spazju għall-pajpijiet ġodda taħt l-art, jiġi osservat illi fil-kont tat-2 ta' Jannar 2016, żdiedu l-items 2 u 11 ("Re-install double socket outlets") fil-ground floor u fil-first floor (fn. 9 62 socket outlets b'kollox) bil-prezz komplessiv ta' €2,604. Fir-rigward, Michael Scicluna kien ta s-segwenti spjegazzjoni lill-konvenut fl-email li huwa bagħat b'risposta għat-talba tiegħu għal kjarifika dwar Items 11:-*

"On my email of 18/04/2015, I told you that the cost would be around Euro 6,800 and advised you to keep in mind that I hadn't yet calculated the number of socket outlets we had to increase. In Quotation that I gave you in 18/04/2015 I thought I had to carry out certain work while when we actually had to do the work it was completely different. In the first quotation I wasn't aware that I had to remove everything and have them lowered as well so that is the main reason for the change in price."

*Għall-Qorti din l-istqarrija ta' Michael Scicluna, filwaqt li tfisser li fiż-żmien meta ngħatat l-istima ta' €6,800 l-attur seta' ma kienx edott mill-fatt li s-sockets kellhom jinqalgħu biex jerġgħu jiġu istallati f'livell iktar baxx, hija prova tal-fatt li fit-13 ta' Novembru 2015, meta ġie dikjarat li kellha titnaqqas is-somma ta' €960, l-attur kien effettivament jaf li kellhom jinqalgħu s-sockets kollha minħabba t-tibdil fil-livell tal-pajpijiet. Madanakollu, din l-istqarrija ma tagħmel xejn biex tiġġustifika d-deċiżjoni tal-attur li ma jnaqqasx, wara kollox, is-somma ta' €960 li huwa stess iddikjara li kellu jiġi ridott meta kien jaf diġà bil-ħtieġa li jinqalgħu s-socket outlets kollha. Multo magis meta in segwitu l-attur żied fil-kont żewġ items li, kif fisser Michael Scicluna fl-email fuq ċitat, huma speċifikatament konnessi mat-tibdil fil-pożizzjoni u r-ri-istallazzjoni tas-socket outlets minħabba l-introduzzjoni tal-underfloor heating.*

*L-attur baqa' ma spjegax għaliex effettivament dan l-ammont baqa' jiġi reklamat fil-kontijiet sussegwenti minkejja li l-valur jikkonċerna points li ġew istallati minn terzi, u meta jirriżulta wkoll li għax-xogħlijiet addizzjonali li saru, qed jintalab ħlas separat b'żieda mal-istima oriġinali ta' €6,800 u f'kull każ, il-Qorti ma rriskontrat xejn fl-atti li tikkonvinċiha li l-prezz ta' €960 ma kellux, wara kollox, jiġi mnaqqas mill-kontijiet li nħarġu sussegwentement mill-attur. Għaldaqstant, il-Qorti hi sodisfatta li*

*effettivament, is-somma ta' €960 m'hijiex dovuta lill-attur u għandha tiġi mnaqqsa mill-kont finali tal-attur.*

***Electrical Installation: Items 2 u Items 11***

*Il-konvenut fil-prospett Dok. NBK2 jikkontendi li qed jintalab l-ammont żejjed ta' €152 għall-items 2 u items 11* "Re Install double socket outlets"*. Michael Scicluna fix-xhieda tiegħu fisser li dan l-ammont jirrappreżenta l-prezz tax-xogħol ta' twaħħil ta' 38 double continental socket outlets fil-ground floor u 24 double continental socket outlets fil-first floor level li ġew istallati fuq talba tal-konvenut minflok it-13 amp socket outlets li normalment jiġu installati, u dan bir-rata ta' €4 għal kull unit. Huwa xehed li dawn kienu extra works li kienu jirrikjedu aktar ħin mill-istallazzjoni ta' socket outlet normali.*

*Il-konvenut jinsisti li ma żdied l-ebda xogħol ma' dak li ġie indikat fil-kont tat-13 ta' Novembru 2015 u għalhekk billi dawn is-sockets kienu diġà istallati, ma kellu jinbidel xejn fil-kont.*

*Madanakollu, il-konvenut baqa' ma kkontradixxiex b'mod speċifiku l-asserzjoni tal-attur illi effettivament huwa talab li jiġu istallati double continental sockets minflok it-13 amp socket outlets ordinarji u ma jirriżultax li oġġezzjona għall-ammont addizzjonali li ġie reklamat, minkejja li ġiet ribadita konsistentement fil-kontijiet kollha sussegwenti maħruġin mill-attur (fn. 10 Ara Dok. MS2, MS3 u MS4 annessi mal-Affidavit ta' Michael Scicluna). Kif jirriżulta mill-iskambju ta' emails esebit minnu (Dok. NBK1), il-kontestazzjoni tal-konvenut fir-rigward ta' dawn iż-żewġ items kienet marbuta man-nuqqas tal-attur li jirriduċi l-prezz ta' €960 mill-kont finali.*

*Il-Qorti tosserva wkoll illi effettivament, in-numru ta' socket outlets istallati fil-ground floor level żdied minn tletin (30) kif indikat fil-kont tat-13 ta' Novembru 2015, għal tmienja u tletin (38) fil-kontijiet sussegwenti, filwaqt li f'dan l-istess kont, ma hemm l-ebda referenza għall-istallazzjoni ta' socket outlets fil-first floor level. Għall-Qorti dan ifisser neċessarjament illi socket outlets żejda u dawk fil-first floor level ġew mitluba u ġew istallati in segwitu għall-kont tat-13 ta' Novembru 2015 u dan jagħti fejda lill-verżjoni tal-attur fir-rigward.*

*Għalhekk il-Qorti tqis li ma għandha ssir l-ebda tnaqqis mill-items 2 u 11 tas-sezzjoni "Electrical Installation" fil-kont finali.*

***Electrical Installation: Item 13***

*Il-konvenut jikkontendi li qed jintalab l-ammont żejjed ta' €50.00 li mhux dovut għaliex filwaqt li ż-żewġ items jirrappreżentaw istallazzjoni ta' 5 thermostat switches kull wieħed, l-ammont reklamat huwa differenti. Il-verżjoni attriċi (fn. 11 ara Affiavit*

*Michael Scicluna, paragrafu 19) hi li din id-differenza tirrappreżenta żewġ thermostat switches, wieħed fil-kamra tas-sodda prinċipali u l-ieħor fil-kċina, li kellhom jinqalgħu jerġgħu jitwaħħlu minħabba ddeċiżjoni tal-konvenut li jistalla under-floor heating.*

*Madanakollu, il-Qorti tosserva li mkien fil-kontijiet ma ġie indikat li kellhom jinqalgħu żewġ thermostat switches, u dan diversament minn items oħrajn fejn fid-deskrizzjoni ikun ġie indikat "shift to higher level" jew "re-install". Magħdud dan il-fatt illi fil-kont tat-13 ta' Novembru 2015, diġà ġie reklamat ħlas ta' €100 għar-rilokazzjoni ta' socket outlet fil-kċina ("socket outlet in kitchen shift to higher level")(fn. 12 Item 7, fol. 48).*

*Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi, rinfaċċjat bil-kontestazzjoni tal-konvenut, l-attur ressaq provi biżżejjed biex jikkonvinċi li d-differenza ta' €50 fil-prezz taż-żewġ items in kwistjoni hi ġustifikata u għalhekk, din is-somma għandha titnaqqas mill-kont finali tal-attur.*

***Electrical Installation : Items 26 u 27***

*Il-konvenut jikkontendi illi filwaqt illi fil-kont tat-2 ta' Jannar 2016, il-prezz tal-items 26 ("Supply and install mangement trunking") kien indikat bħala €54, fil-kont tat-2 ta' Jannar 2017 dan il-prezz żdied għal €154. L-istess in kwantu għall-items 27 ("Cutting of wall in garage to make up for the panels") fejn fil-kont tat-2 ta' Jannar 2016, il-prezz indikat kien ta' €210 filwaqt li fit-2 ta' Jannar 2017 il-prezz mitlub huwa ta' €260. Huwa jsostni li dawn ix-xogħlijiet kienu tlestew kollha meta inħareġ l-ewwel kont fit-13 ta' Novembru 2015 u in segwitu għal dan, ma saru l-ebda xogħlijiet ulterjuri fir-rigward.*

*Il-verżjoni tal-attur, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Michael Scicluna (fn. 13 Affidavit Michael Scicluna, paragrafi 20 u 21), hi illi d-differenza bejn il-kont finali u l-kont li kien inħareġ fit-2 ta' Jannar 2016 fir-rigward ta' dawn l-items hija spjegata mill-fatt illi wara li l-ħofra li kienet diġà tħaffret ġol-ħajt biex ġo fiha jiġu installati il-kaxex tad-dawl, il-konvenut żied volum ta' xogħlijiet bil-konsegwenza li din kellha titkabbar sabiex takkomoda fiha l-main distribution board, l-intelligent lighting control panel u żewġ alarm panels. It-tkabbir ta' dan l-ispazju kien jenħtieġ ukoll li jiġi istallat trunking. Skont Michael Scicluna, dan ix-xogħol tlesta kollu fl-2017 u kien għalhekk li x-xogħol relattiv ma jinsabx indikat fil-kont tal-2016.*

*Il-fatt li dan ix-xogħol ġie eżegwit hu konfermat minn Emanuel Galea li xehed illi l-fetħa fejn kellu jeħel id-distribution board tad-dawl, ma kienetx biżżejjed biex joqgħod fiha l-apparat kollu li kien meħtieġ għaliex apparti d-distribution board, kellhom jitwaħħlu il-control panel tal-intelligent lighting u l-control panel tal-fire alarm u tas-CCTV u għalhekk din il-fetħa kellha titwessa' minn żewġ piedi għal erbgħa u kellu jiġi modifikat u jiżdied it-trunking.*

*Il-Qorti m'hijiex konvinta bil-verżjoni tal-konvenut li x-xogħlijiet in kwistjoni kienu kollha lesti meta nħareġ il-kont tat-13 ta' Jannar 2015. Kif ingħad, f'dan l-istess kont (fn. 14 fol. 48 u 49) l-attur elenka diversi xogħlijiet elettriċi li kienu għadhom ma sarux u dan fis-sezzjoni "B" ("Extra Work to be Done"). Barra minn hekk, kien il-konvenut innifsu li xehed illi meta ntbagħat il-kont finali (fn. 15 Fl-4 ta' April 2018) kien għad fadal* "xi snags" *(fn. 16 xhieda tat-28 ta' Marzu 2019, fol. 28), liema snags il-Qorti tistenna li kellhom ikunu diġà indirizzati jekk verament, kif jikkontendi l-konvenut, ix-xogħlijiet appaltati tlestew fl-2016.*

*Il-Qorti tqis li għandha tagħti fejda lill-verżjoni tal-attur li x-xogħlijiet in kwistjoni tlestew ferm wara s-sena 2016. F'kull każ tqis li l-provi li ressaq l-attur fir-rigward il-bżonn ta' tkabbir tal-ispazju u dwar iż-żmien li fih effettivament tlestew ix-xogħlijiet relatati mat-tqattigħ tal-ispazju fil-ħajt, mhux biss huma konvinċenti iżda ma ġewx effettivament kontradetti. Konsegwentement, il-prezz totali ta' €414 għall-imsemmija zewġ items, huwa dovut.*

***Electrical Installation: Items 19 u 22***

*Il-konvenut jikkontendi illi l-attur qed jitlob prezz ogħla għal dawn iż-żewġ items ("Lighting points 12" u "3 phase supply from garage to washroom") mill-prezz li ġie indikat fil-kont tat-13 ta' Novembru 2015. Michael Scicluna, fl-Affidavit tiegħu, fisser li dawn ix-xogħlijiet ma kienux għadhom tlestew meta nħareġ il-kont tat-13 ta' Novembru 2015: il-Qorti wara li rat il-provi tqis li huwa pjuttost ovvju li dak iż-żmien, ix-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin tant illi s-sezzjoni "B" tal-kont tat-13 ta' Novembru 2015 huwa intestat "Extra Works to be Done". Il-konvenut ma ressaq l-ebda provi kuntrarji u lanqas ċaħad l-asserzjoni tal-attur li effettivament kien żdied in-numru ta' lighting points, minkejja li l-prezzijiet kienu diġà żdiedu fil-kont interim tat-2 ta' Jannar 2016. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ż-żieda fil-prezzijiet fir-rigward hi ġustifikata u hi dovuta lill-attur.*

***Low Voltage Installation : Items 1 sa 5***

*Il-konvenut jikkontendi li dawn iż-żewġ items żdiedu wara l-kont tat-2 ta' Jannar 2016, meta ix-xogħlijiet kienu diġà lesti. Il-verżjoni tal-attur hi li dawn ix-xogħlijiet bdew f'Jannar 2016 u tlestew kompletament f'Jannar 2017 u li m'huwiex possibbli li f'kull kont tingħata deskrizzjoni preċiża tal-istadju li fih ikunu waslu x-xogħlijiet. Qal ukoll li ż-żiediet bejn kont u ieħor jirriflettu xogħlijiet addizzjonali li jkunu saru.*

*Il-Qorti diġà kkonkludiet li hija temmen il-verżjoni tal-attur li x-xogħlijiet tlestew fl-2017 u mhux fl-2016, iżda meta jiġi kkunsidrat illi l-prezz mitlub fil-kont tat-2 ta' Jannar 2017 in kwantu għax-xogħol ta' low voltage installation żdied bl-ammont ta'*

*€300 mingħajr ebda spjegazzjoni da parti tal-attur, ma tistax tqis li ż-żieda hi ġustifikata meta skont l-attur innifsu dawn ix-xogħlijiet kienu lesti f'Jannar 2017.*

*Il-Qorti tistenna illi l-attur bħala l-appaltatur li qed jitlob il-ħlas għal xogħlu u għall-materjal użat fit-twettiq tal-appalt, ikun f'pożizzjoni li jipprovdi rendikont preċiż tal-materjal, xogħlijiet u l-prezzijiet relattivi kollha meta jiġi hekk mitlub mill-komittent. Kemm hu hekk, rinfaċċjat bil-kontestazzjoni tal-konvenut tal-prezz ta' €862 mitlub riferibbilment għall-items 5 tas-sezzjoni "Water Installation", huwa pproduċa r-rendikont Dok. MS7 biex ifisser aħjar ix-xogħol kollu eżegwit fir-rigward u l-prezzijiet individwali tal-materjal u labour. Iżda fir-rigward tal-items in kwistjoni, l-attur baqa' ma ressaq l-ebda rendikont tal-konsistenza tax-xogħol, materjal u prezzijiet kompriżi fl-items in kwistjoni biex jissostanzja ż-żieda fil-prezz bejn il-kont tat-2 ta' Jannar 2017 u l-kont finali u ma ressaq l-ebda prova sodisfaċenti oħra li tikkonvinċi lill-Qorti f'hiex tikkonsisti ż-żieda fil-prezz fis-somma komplessiva ta' €530.*

*Għaldaqstant, dan l-ammont m'huwiex dovut lill-attur.*

***Sewage Drains : Items 1 u 3***

*Il-konvenut, filwaqt li ma jiċħadx li s-sistema tad-drenaġġ kellu bżonn jissewwa, jikkontendi li l-ħlas mitlub huwa €500 aktar minn dak li kien ġie indikat fil-kont preċedenti tat-2 ta' Jannar 2017, filwaqt li l-prezz ta' €975 għall-item 3 jirrappreżenta xogħol li sar biex tiġi rimedjata ħsara li messha ġiet identifikata u msewwija meta l-katusi ntradmu u qabel l-istallazzjoni tal-underfloor heating u t-tqegħid tal-madum tal-art. Skont il-konvenut, biex jiġi msewwi d-difett fil-katusi, kellu jsir tħaffir minn taħt il-madum bi spejjeż addizzjonali li ma kienux isiru kieku t-testjar tal-katusi sar tempestivament mill-attur.*

*Da parti tiegħu, Michael Scicluna xehed li huwa ġie inkarigat jagħmel it-tiswijiet u alterazzjonijiet li kien hemm bżonn li jsiru fis-sistema tad-drenaġġ għaliex l-istallazzjoni oriġinali tas-sistema tad-drenaġġ li kienet saret minn terzi ma kinitx iddiżinjata kif suppost. Dan ġie konfermat minn Emanuel Galea li xehed illi huwa ħadem mal-attur fil-fond tal-konvenut biex ibiddlu s-sistemi eżistenti tal-ilma u drenaġġ kif ukoll il-pajpijiet li jiġbru x-xita mill-kċina għall-bitha li kienu installati minn terzi peress li dawn ma kienux istallati tajjeb u lanqas ma kienux kompluti.*

*Mix-xhieda ta' Michael Scicluna jirriżulta wkoll li aktar tard saru testijiet fuq is-sistema tal-post kollu u minħabba li nstab li kien hemm materjal li kien qed jiskula fil-katusi għaddejjin mill-kuritur, kellhom isiru spejjeż addizzjonali fis-somma ta' €150 biex jiġi lokalizzat dan il-leak kif ukoll jintuża apparat speċjali biex isir tħaffir taħt il-madum li kien diġà istallat u biex jinbidlu l-katusi. Huwa xehed ukoll illi peress li dan ix-xogħol tlesta fl-2017, ma kienx ġie inkluż kollu fil-kont tal-2016.*

*Jiġi osservat li l-prezz għaż-żewġ items in kwistjoni ma żdiedx bejn il-kont tat-2 ta' Jannar 2017 u l-kont finali. Madanakollu, il-prezz tal-ewwel item żdied bejn kont u ieħor bl-ammont ta' €500 filwaqt li ġie introdott ukoll xogħol addizzjonali taħt l-item 3 bħala xogħol li l-ħtieġa tiegħu nqalgħet wara l-ħruġ tal-kont tat-2 ta' Jannar 2016. Mix-xhieda ta' Michael Scicluna u ta' Emanuel Galea l-Qorti fehmet illi s-sistema tad-drenaġġ kien jeħtieġ xogħol estensiv, liema xogħlijiet il-konvenut jaqbel li saru kollha.*

*Kwantu għall-kontestazzjoni tal-ispejjeż li jikkonċernaw it-tibdil tal-katusi taħt l-art liema spejjeż, skont il-konvenut, ġew inkorsi inutilment minħabba li l-attur naqas jidentifika leak ħlief wara li tqiegħed il-madum, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma jiċħadx li effettivament kien hemm leak fil-katusi taħt l-art fil-kuritur u li dawn il-katusi kellhom jinbdilu. Iżda minkejja li jaqbel li kien hemm difett fil-katusi li kellu jiġi rimedjat, il-konvenut baqa' ma fissirx liema parti minn dawn l-ispejjeż żejda m'għandux jiġi kostrett iħallas minħabba l-allegat nuqqas da parti tal-attur u ma ressaq l-ebda prova la biex jissostanzja l-asserzjoni li l-attur kien negliġenti fl-eżekuzzjoni tal-appalt in kwistjoni u lanqas biex jidentifika dawk l-ispejjeż li setgħu jiġu evitati. Il-Qorti tqis li kien essenzjali li jiġu identifikati dawk l-ispejjeż li skont il-konvenut setgħu jiġu evitati.*

*Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti, billi hi sodisfatta li x-xogħol in kwistjoni sar kollu u li l-kont finali jirriproduċi l-items u l-prezzijiet indikati fil-kont tat-2 ta' Jannar 2017, hija tal-fehma li l-prezzijiet reklamati mill-attur fl-items 1 u 3 tas-sezzjoni "Sewage Drains" fil-kont finali, huma dovuti mill-konvenut.*

***Water Installation : Item 1***

*Il-konvenut jikkontesta ż-żieda ta' €260 bejn il-kont tat-2 ta' Jannar 2016 u l-kont sussegwenti tat-2 ta' Jannar 2017 u jsostni li mhux possibbli li sar xogħol u spejjeż addizzjonali f'dan l-intervall, għaliex huwa daħal jgħix fil-fond f'Novemru 2016 u in segwitu għal dan ma sarx xogħol iktar fuq l-istallazzjoni tal-ilma. Il-verżjoni tal-attur hi li x-xogħlijiet kienu għadhom qed isiru meta nħareġ il-kont tat-2 ta' Jannar 2016 u tlestew ħafna wara.*

*Il-Qorti wara li rat il-provi, tqis li l-appalt, tal-anqas in kwantu għall-istallazjoni tal-ilma, kien għadu qed jitwettaq f'Jannar 2017 kif del resto jirriżulta mill-irċevuta tat-tankijiet tal-ilma (Dok. MS8) li turi li dawn inxtraw fit-22 ta' Frar 2017 (fn. 17 Fol. 127). Tirriskontra wkoll kontradizzjoni fondamentali fil-verżjoni tal-konvenut dwar iż-żmien meta tlestew dawn ix-xogħlijiet tal-istallazzjoni tal-ilma: filwaqt li l-konvenut jikkontendi min-naħa l-waħda illi l-attur ma setax wettaq xogħlijiet ulterjuri fl-istallazzjoni tal-ilma fil-fond wara Novembru 2016 - għaliex f'dan iż-żmien huwa daħal jgħix fil-proprjetà u dakinhar ix-xogħlijiet kollha kienu lesti - min-naħa l-oħra huwa*

*xehed ukoll li x-xogħol ta' plumbing kien saru kollu fil-vakanzi tal-Għid fl-2018 filwaqt li t-twaħħil tal-aċċessorji tal-kmamar tal-banju sar fil-vakanzi tal-Milied fl-2017.*

*Ix-xogħol li kien meħtieġ fuq l-istallazzjoni tal-ilma ġie deskritt ukoll minn Emanuel Galea li fix-xhieda tiegħu - li baqgħet mhux kontrastata - fisser kif l-istallazzjoni tal-pajpijiet tal-ilma li saret minn terzi, ma kienetx kompluta u kien hemm ħafna pajpijiet maqsumin li kellhom jinbidlu. Dan ifisser neċessarjament illi hija ferm iktar kredibbli l-verżjoni tal-attur li sar xogħol u spejjeż ulterjuri in segwitu għal dak indikat fil-kont tat-2 ta' Jannar 2017, u għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma illi ż-żieda fil-prezz ta' item 1 tas-sezzjoni "Water Installation" hi ġustifikata.*

***Water Installation : Item 8***

*Il-konvenut jikkontendi li għandu jkun hemm tnaqqis fis-somma ta' €115 mill-ammont mitlub għaliex filwaqt li l-aċċessorji l-kbar ċioe' shower tray, shower, toilet u sinks twaħħlu mill-attur (fn. 18 Fol. 32), uħud mill-oġġetti, ċioe' showerhead u mixer mal-ħajt kien waħħalhom hu stess. Jiċħad li twaħħal xi bidet u jsostni li dan ma jeżistix. Skont il-konvenut, l-aċċessorji kollha tal-bathroom kien xtrahom hu stess filwaqt li l-attur kien xtara l-conduits, wiring u affarijiet relatati max-xogħol ta' dawl u ilma (fn. 19 fol. 29) .*

*Mix-xhieda ta' Michael Scicluna u Emanuel Galea, jirriżulta li l-aċċessorji istallati mill-ħaddiema tal-attur kienu żewġ toilets kompluti bil-flushings, żewġ showers, bidet, żewġ shower cubicles, sink bil-wash hand basin u żewġ shower mixers. Emanuel Galea afferma ulterjorment illi kien hu li waħħal l-aċċessorji l-oħra kollha fosthom soap holders u toilet paper holders, fil-presenza tal-konvenut. Jirriżulta wkoll li din l-istallazzjoni saret fuq medda ta' tlett ijiem minn żewġ persuni u ġurnata oħra addizzjonali sabiex isiru l-modifiki meħtieġa fil-main shower u biex jitwaħħlu aktar aċċessorji wara li x-xogħol kif ordnat mill-konvenut kien diġà tlesta. Ix-xhieda mressqin mill-attur xehdu wkoll li l-konvenut kien waħħal biss żewġ cover plates tal-mixer tax-shower u sink wieħed fil-main bathroom.*

*Il-Qorti wara li fliet ix-xhieda bil-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet, tqis li in essenza, il-partijiet qegħdin jaqblu li l-konvenut waħħal tal-anqas showerhead u mixer ta' sink wieħed. Tosserva wkoll illi ma jirriżultax li fil-kont finali, l-attur qed jitlob il-ħlas għall-fornitura tal-aċċessorji tal-kmamar tal-banju jew ħlas għall-istallazzjoni tal-aċċessorji partikolari li waħħal il-konvenut. Iżda fuq kollox, il-Qorti qieset il-fatt li l-konvenut fix-xhieda tiegħu ma jispeċifikax liema huma l-aċċessorji li huwa waħħal fil-main bathroom b'żieda mal-units u cabinets ta' din il-kamra - għalkemm jirrikonoxxi li Michael Scicluna kien beda xi xogħol ta' twaħħil ta' dawn il-units. Inoltre, il-konvenut ma jsemmi xejn fir-rigward tat-twaħħil tal-aċċessorji tal-ispare bathroom u ma*

*jeskludix li dawn twaħħlu mill-attur. F'kull każ, tqis li huwa ppruvat mix-xhieda li ressaq l-attur u mill-kumpless tal-provi relevanti, fosthom ir-risposta ta' Michael Scicluna fl-email mibgħut fit-8 ta' Ġunju 2018, esebit mill-konvenut (fn. 20 Dok. NBK1, fol. 87), illi l-aċċessorji tal-ispare bathroom kif ukoll uħud minn dawk tal-main bathroom twaħħlu mill-addetti tiegħu. Fuq kollox, il-konvenut naqas ukoll milli jikkwantifika s-somma ta' €115 li jikkontendi li għandha titnaqqas mill-prezz reklamat mill-attur.*

*Il-Qorti hi tal-fehma li huwa ppruvat sodisfaċentement illi l-attur wettaq ix-xogħol indikat fl-items 8 fis-sezzjoni "Water Installation" u konsegwentement, dan il-ħlas hu dovut lilu.*

***<u>Ħlas Doppju ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud</u>***

*Il-konvenut jelenka diversi items fil-kont finali tal-attur li fir-rigward tagħhom jikkontendi li l-attur żied it-taxxa fuq il-valur mizjud ("VAT") meta din it-taxxa hija diġà kompriża fil-prezz oriġinali tal-materjal u dan ifisser li qed jintalab iħallas taxxa għal darbtejn.*

*L-Att XXIII (fn. 21 Act XXIII ta' l-1998, Part Three, Seventh Schedule, para. 8) jipprovdi:-*

"Where the amount of tax chargeable under this Act is not identified in a payment for a taxable supply or in a price charged for a taxable supply that payment or price shall be deemed to include the said tax."

*Bl-applikazzjoni tal-presunzjoni legali fuq imsemmija u sakemm ma jintweriex mod ieħor, ir-rati kollha tal-fornitura tal-materjal għandhom jitqiesu li jinkludu l-VAT bir-rata ta' 18% li tkun ġiet imħallsa fix-xiri tal-materjal użat fl-appalt. Dan ifisser li l-attur kellu l-ewwel inaqqas ir-rata tal-VAT mill-prezz minnu mħallas għax-xiri tal-materjal biex imbagħad seta' jżid il-VAT fl-aħħar tal-kont fuq l-items kollha. Jekk dan naqas milli jagħmlu, allura l-konvenut ikollu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu.*

*Michael Scicluna xehed illi fl-indikazzjoni tar-rati ta' supply u installation, jinħareġ prezz wieħed li jkopri kollox, u ċioe' materjal u labour costs. Xehed ukoll li ma jżommx l-irċevuti ta' kull oġġett li jkun inxtara għall-fini tal-appalt għaliex ħafna mill-materjal ikun inxtara in bulk, bħal pajpijiet u oġġetti oħrajn simili. Jinsisti madankollu illi r-rati dejjem jiġu indikati mingħajr VAT u huwa biss fil-kont finali li l-VAT jiżdied fuq kollox - kemm fuq il-materjal u kemm fuq il-labour cost.*

*Din il-verżjoni hi effettivament sorretta bil-produzzjoni in atti tar-riċevuta Dok. MS8 u r-rendikont Dok. MS7. Skont ir-riċevuta esebita fl-atti, jirriżulta li filwaqt li t-tankijiet in kwistjoni kienu inxtraw għall-prezz ta' €273.76 bil-VAT inkluż, fil-kont finali jirriżulta li l-prezz tal-materjal kompriż fl-item 5 taħt "Water Installation" huwa ta' €232 ċioe'*

*l-prezz ta' żewġ tankijiet mingħajr VAT. Il-fattura Dok. MS6 (fn. 22 Fol. 125: Invoice 11.8.2016, Elektra) ukoll tikkostitwixxi prova tal-fatt illi l-indikazzjoni tar-rata tal-item 39 taħt "Electrical Installation" ("Supply of socket outlet fittings") bħala €651, ma fihx VAT għaliex filwaqt li l-prezz mitlub fl-item 39 huwa ta' €651, bl-applikazzjoni tal-VAT il-prezz skont il-fattura jiżdied għal €751.12.*

*Fuq kollox, il-Qorti tosserva wkoll illi effettivament, l-element tal-VAT huwa identifikat kjarament fil-kont finali tal-attur meta dan ġie applikat fl-aħħar tal-istess kont fuq it-total tal-prezz tal-items kollha elenkati fil-kont. Hu minnu li l-VAT m'huwiex identifikat fir-rati individwali tal-fornitura tal-materjal iżda l-Qorti ma tqisx li b'daqshekk għandha titħaddem il-presunzjoni legali biex it-taxxa tiġi preżunta li hija kompriża f'kull prezz individwali, anke għaliex l-element tal-VAT huwa identifikabbli b'mod distint fil-kont tal-attur meta l-VAT ġiet applikata fuq it-total tar-rati kollha flimkien, sija tal-materjal kif ukoll ta' labour, fl-aħħar tal-kont. Għalhekk ma jistax jingħad li l-ammont tal-VAT m'huwiex identifikat jew identifikabbli fir-rati reklamati mill-attur għall-materjal u illi b'hekk ir-rati individwali ta' kull item huwa preżunt li jinkludi l-VAT.*

*Fil-qies ta' dan kollu, b'mod partikolari x-xhieda ġuramentata ta' Michael Scicluna li kkonferma li r-rati ta' supply u installation indikati fil-kont huma esklussivi tal-VAT u li l-VAT jiġi applikat biss fl-aħħar fuq il-kont sħiħ, liema verżjoni mhux biss ma ġietx kontradetta mill-konvenut bi provi konkreti iżda ġiet konfortata mill-kontenut tal-prospett li ġie esebit riferibbilment għal wieħed mill-items kontestati mill-istess konvenut, il-Qorti hi konvinta li l-preponderanza tal-provi tagħti fejda lill-verżjoni attriċi li l-VAT m'hijiex kompriża diġà fir-rati tal-items individwali indikati fil-kont finali iżda ġiet applikata biss fl-aħħar fuq it-total tal-prezz tal-items kollha.*

*Għaldaqstant, ma għandu jitnaqqas l-ebda ammont kif pretiż mill-konvenut, mir-rati mitluba għall-materjal fl-items 4 u 5 ("Water Installation"), item 29 ("Low Voltage Installation") u items 29 u 39 ("Electrical Installation").*

*Hawnhekk il-Qorti tinnota illi in kwantu għall-item 39 taħt "Electrical Installation", għalkemm il-prezz tas-sockets kien ta' €636.55 (eskluż VAT) u dan skont kif jirriżulta mir-riċevuta esebita minn Michael Scicluna (Dok. MS6), l-attur jitlob il-ħlas tal-prezz ta' €651 minflok €636.55. Fix-xhieda tiegħu Michael Scicluna fisser dan l-awment fil-prezz, ta' €14.45, hu dovut għaliex dawn l-oġġetti kellu jixtrihom l-attur innifsu. Ma jirriżultax illi l-konvenut jikkontesta dan l-awment fil-prezz u l-Qorti fehmet illi l-kontestazzjni tiegħu tar-rata tal-item in kwistjoni hi limitata għall-applikazzjoni doppja tal-VAT.*

***Danni***

*Il-konvenut naqqas ukoll €150 mill-kont tal-attur minħabba "damages caused by contractor/subcontractor" (fn. 23 Ara Dok. NBK2). Dan hu miċħud mill-attur u fix-xhieda tiegħu Michael Scicluna insista illi fit-tliet snin li damu jaħdmu fil-proprjetà tal-konvenut, dejjem kien hemm sorveljanza kontinwa tax-xogħlijiet li kienu qed jiġu eżegwiti u l-konvenut qatt ma ġibed l-attenzjoni għal xi ħsarat qabel ġiet intavolata l-kawża. Emanuel Galea kkonferma dan meta xehed li x-xogħol eżegwit minnu fil-fond tal-konvenut dejjem sar fil-preżenza tal-istess konvenut u ta' Peter Caruana, il-project manager tal-konvenut, u li kemm dam jaħdem fid-dar tal-konvenut qatt ma sema' lil xi ħadd jilmenta fuq il-kwalità tax-xogħol li sar. L-istess Peter Caruana fix-xhieda tiegħu (fn. 24 Xhieda tal-10 ta' Marzu 2020, fol. 145) ukoll afferma li x-xogħlijiet kollha eżegwiti mill-attur saru tajjeb.*

*In sostenn tal-asserzjoni tiegħu li mill-kont tal-attur għandu jitnaqqas l-ammont ta' €150, il-konvenut xehed illi waqt il-vaganzi tal-Milied 2017, Michael Scicluna kien kejjel ħażin u spiċċa taqqab maduma bi żball. Minħabba f'hekk, kellu jordna maduma ġdida u jqabbad lil xi ħadd biex jibdilha. Il-konvenut xehed ukoll illi wieħed mill-ħaddiema li kien qed jinstalla s-sistema tal-elettriku kien tefa' sigarett fuq il-parquet tal-main bedroom u sostna li minkejja li Michael Scicluna dak iż-żmien kien aċċetta li jnaqqas dawn l-ispejjeż mill-kont finali, dan baqa' ma sarx.*

*Kif ingħad, l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega u f'dan il-każ kien jispetta lill-konvenut iressaq prova sodisfaċenti fuq bażi ta' probabbilità li huwa sofra d-danni minħabba negliġenza tal-attur jew ta' persuni impjegati minnu u li dawn huma kwantikabbli fis-somma ta' €150. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti kienet tistenna* de minimis *li l-konvenut jipproduċi xi ritratt tal-allegat ħsara, riċevuta tax-xiri tal-maduma jew ix-xhieda tal-persuna li skont il-konvenut ġiet ingaġġata tagħmel ix-xogħol rimedjali. Madanakollu, għalkemm ma jirriżultax li huwa kien impedit milli jġib dawn il-provi, il-konvenut, rinfaċċjat biċ-ċaħda bla riżerva tal-parti kuntrarja fir-rigward, baqa' ma ressaq l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu dwar id-danni.*

*Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx li għandha tordna xi tnaqqis ta' xi ammont rappreżentanti danni sofferti mill-konvenut bi ħtija tal-attur, mill-ammont reklamat f'din il-kawża.*

*Ikkunsidrat;*

*Miżmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula, il-Qorti tikkonkludi li mill-ammont bilanċjali ta' €8,708.86 mitlub mill-attur fir-Rikors promotur, għandu jitnaqqas l-ammont totali ta' €1,540 b'dan illi l-bilanċ totali dovut mill-konvenut lill-*

*attur huwa fis-somma ta' sebat elef, mija u tmienja u sittin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€7,168.86)".*

## L-Appell

6. L-intimat ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Marzu, 2022, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata tad-9 ta' Frar 2022 billi oltre l-ammont ġjà ridott mill-prezz mitlub, jirriduċi ulterjorment l-ammont dovut lill-attur kif hawn fuq spjegat, mingħajr ebda imgħaxijiet fuq dak l-ammont li jirriżulta dovut in linea ta' VAT, u mingħajr ebda imgħaxijiet fuq kwalunkwe ammont bilanċjali dovut lill-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur appellat."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) l-ewwel Qorti ma naqsitx il-VAT dovut fuq dawk l-ammonti li qieset mhux dovuti, u bi żvista ma naqsitx ammont li kkunsidrat mhux dovut (Item 5); u (ii) l-ewwel Qorti ċaħdet l-argumenti tiegħu fuq apprezzament żbaljat tal-provi; (iii) l-ewwel Qorti mponiet erronjament imgħaxijiet legali fuq il-VAT mitlub mir-rikorrent; u (iv) l-ebda -imgħaxijiet ma setgħu jkunu dovuti mid-data tal-interpellanza ġudizzjarja.

7. Ir-rikorrent wieġeb fil-11 ta' April, 2022 fejn issottometta li l-aggravji ppreżentati mill-intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk jistħoqqilhom li jiġu miċħuda minn din il-Qorti. Huwa pprevalixxa ruħhu mill-appell tal-intimat sabiex ippreżenta appell inċidentali flimkien mat-tweġiba tiegħu, u dan għaliex iħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li rriduċiet l-ammont pretiż b'għoxrin fil-mija (20%).

8. Permezz tat-tweġiba tiegħu ppreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2022, l-intimat issottometta li r-rikorrent m'huwa qed iżid xejn ġdid ma' dak li ġie dibattut quddiem l-ewwel Qorti, u għalhekk jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent, bl-ispejjeż.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra flimkien l-aggravji tal-partijiet stante li jolqtu l-istess kwistjonijiet, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u filwaqt li tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin minnhom anki permezz tar-risposti tagħhom.

10. Meta jittratta l-ewwel aggravju tiegħu l-intimat jirrileva li fil-kawża odjerna, ir-rikorrent qed jitlob il-ħlas ta' bilanċ eskluż il-VAT u anki l-VAT fuq l-ammont sħiħ pretiż. Jispjega li għalkemm l-ewwel Qorti sewwa għamlet meta naqqset l-ammont ta' €960 stante li dan mhux dovut, bi żvista ma naqqsitx il-VAT anki fuq dan l-ammont imnaqqas mis-somma dovuta. L-istess għamlet fir-rigward ta' *Item 13* fejn naqqset €50 mis-somma dovuta lir-rikorrent, iżda jidher li ma naqqsitx ukoll is-somma ta' €9 rappreżentanti VAT, u anki fir-rigward tal-*"Low Voltage Installation: Items 1 sa 5",* imma hawn bid-differenza li bi żvista l-ewwel Qorti ma żiditx Item 5, u l-ammont totali għal dawn l-*Items* kellu jkun ta' €781. Jissottometti li hawn ukoll għandu jitnaqqas il-VAT fuq dan l-ammont fis-somma ta' €140.58 bir-rata ta' 18% fuq l-isemmi total. Jgħid li għalhekk l-ammont komplessiv f'dawn il-partijiet kollha kellu jiġi ridott għal €2,113.38 (VAT inkluż). It-tieni aggravju tal-intimat huwa li l-ewwel Qorti ċaħdet l-argumenti tiegħu fuq apprezzament żbaljat tal-provi, u dan minkejja mill-atti

kien jirriżulta l-kuntrarju. Jissottometti li diversi drabi l-ewwel Qorti rabtet il-konklużjonijiet tagħha mal-fatt li skont hi, kien hemm xi xogħlijiet li tlestew "ferm wara s-sena 2016", u jikkontendi li dan ġie kontradett sempliċement għaliex baqa' qatt ma ġie kkuntrarjat. Qal li huwa kien ikkonferma bil-ġurament, u dan baqa' mhux ikkontestat, li huwa kien mar jirrisjedi fil-fond f'Novembru tal-2016, u minn dakinhar 'il quddiem ma saru l-ebda xogħlijiet. Xhieda ta' dan ukoll kien ir-ritratt ta' Peter Caruana li juri li l-art kienet lesta għat-tqegħid taċ-ċangatura u/jew madum f'Marzu 2016. Għalhekk għal dak li jirrigwarda *Items* 26 u 27, huwa kien ikkontesta żieda ta' €150 (VAT eskluż fl-ammont ta' €27) li kellha titnaqqas mill-ammont finali dovut lir-rikorrent. Imbagħad għal dak li jirrigwarda *Items* 1 u 3 tas-*Sewage Drains,* l-ewwel Qorti qalet li huwa donnu naqas milli jġib provi dwar iż-żieda ta' €500 u dwar il-prezz ta' €975. L-intimat jissottometti li ix-xogħol fir-rigward ta' *Item 1* kif jidher fil-kont tal-2016 fis-somma ta' €740, kien tlesta. Jgħid li l-katusi l-qodma kienu tneħħew u tqegħdu dawk ġodda, flimkien mal-modifikazzjoni tagħhom. Filwaqt li jsostni li l-ewwel Qorti skartat dak li huwa qal bil-ġurament, u hawnhekk jiċċita dik il-parti tax-xhieda tiegħu li qiegħed jalludi għaliha, jgħid li din il-pożizzjoni qatt ma ġiet kontradetta. Madankollu l-ewwel Qorti ddikjarat li huwa qatt ma kien ressaq prova sabiex jissostanzja l-allegazzjoni li r-rikorrent kien negliġenti fl-eżekuzzjoni tal-appalt, u biex jidentifika liema kienu l-ispejjeż li setgħu ġew evitati, u dan meta mill-atti jirriżulta l-kuntrarju. Għal dak li jirrigwarda s-somma ta' €975, hawnhekk kien spjega li dawn kienu *"remedial works to fix oversight on their part".* L-intimat jikkontendi li huwa kien dejjem fittex sabiex jifhem il-kontijiet. Huwa jagħmel riferiment għal dak li qal missier ir-rikorrent waqt ix-xhieda tiegħu fir-rigward ta' dak li kien qallu ċertu Peter, u jgħid li hawnhekk

ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għaliex il-prezz ġie miżjud. Lanqas ma ngħatat spjegazzjoni tax-xogħlijiet rimedjali taħt *Item 3.* Insista li dawn saru wara li r-rikorrent ma kienx għamel ix-xogħlijiet kollha qabel ma tlesta il-madum, sabiex b'hekk skont ir-rikorrent stess, kellu jsir xi tibdil fl-installazzjoni mingħajr ma jitneħħa l-madum, b'dana li issa huwa kien qed jitlob €975 (VAT eskluż) għal dak ix-xogħol. Huwa jagħmel riferiment għall-*email* tiegħu tas-7 ta' Ġunju, 2018, fejn fl-*email* tiegħu tal-għada ir-rikorrent aċċetta li ma kienx hemm madum, *concrete screed* u pajpijiet. Jirrileva li minflok qal li bejn il-bitħa u barra, kien qed jagħmel l-ilma, iżda ma kienx hu li ħadem fuq is-sistema. Dan kollu jgħid li jikkontrasta ferm ma' dak li qal ir-rikorrent li l-inkarigu tiegħu kien proprju li jsewwi dak li kien għamel ħaddieħor, iżda l-intimat jikkontendi li fil-fatt dan m'għamlux kollu u xorta waħda kien qed jitlob is-somma ta' €975 (oltre l-VAT ta' €175.50). Għalhekk ukoll jgħid l-intimat li s-somma ta' €1,150.50, jew €975 flimkien ma' €175.50 rappreżentanti l-VAT, kellha titnaqqas mill-ammont finali. Jgħid li anki dwar *Item 1* fir-rigward tal-istallazzjoni tas-sistema tal-ilma, l-ewwel Qorti kkunsidrat li *"x-xogħol ta' plumbing kien saru kollu fil-vakanzi tal-Għid fl-2018, filwaqt li t-twaħħil tal-aċċessorji tal-kmamar tal-banju sar fil-vakanzi tal-Milied fl-2017".* Iżda skont l-intimat, hawnhekk l-ewwel Qorti ħawwdet it-twaħħil tal-*fittings* fil-kamra tal-banju ma' xogħol ta' *plumbing,* u saħansitra ħadd mill-partijiet ma kien qal li dan sar fiż-żmien li ssemmi dik il-Qorti. Isostni li huwa kien qed jgħix fil-fond sa minn Novembru 2016, u għalhekk m'hemmx dubju li l-istallazzjoni tas-sistema tal-ilma kienet lesta. F'dan ir-rigward, ir-raġunament tal-ewwel Qorti ma kienx sostanzjat minn xi prova, u rrileva li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova kuntrarja. B'hekk ukoll kellha titnaqqas is-somma ta' €260, flimkien mal-VAT fuqha fl-ammont ta' €46.80. It-tielet

aggravju tiegħu jirrigwarda l-imgħaxijiet legali li l-intimat qed jikkontendi l-ewwel Qorti erronjament imponiet ukoll fuq il-VAT mitlub mir-rikorrent. Jikkontendi li din it-taxxa hija dovuta lill-Gvern u mhux lir-rikorrenti, u għaldaqstant l-imgħaxijiet kellhom jitħallsu biss fuq l-ammont bilanċjali eskluża il-VAT. Altrimenti jgħid li jista' jkun ifisser li nħolqot sitwazzjoni ta' arrikkiment indebitu. Ir-raba' aggravju tiegħu wkoll jittratta l-kwistjoni tal-imgħaxijiet. Hawnhekk l-intimat jissottometti li dawn ma setgħu qatt kienu dovuti mid-data tal-interpellanza ġudizzjarja, u dan għaliex huwa kien qed ifittex spjegazzjoni dwar il-kont. Jgħid li kif jirriżulta mill-korrispondenza bejn il-partijiet, ir-rikorrent baqa' ma tax spjegazzjoni kif mitlub mill-intimat, u minflok wieġeb b'mod aggressiv billi talab għall-ħlas minnufih. Jikkontendi li s-sentenza appellata tfisser li wieħed għandu l-ewwel iħallas kollox kif mitlub, u sussegwentement jitlob rifużjoni. Ikompli jsostni li ġaladarba rriżulta li l-kont ma kienx korrett, l-imgħaxijiet kellhom jiġu ordnati mid-data tas-sentenza.

11. Ir-rikorrent iwieġeb billi jissottometti li dan l-aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex l-ewwel Qorti saħansitra ma kellha qatt tnaqqas l-ammont ta' €96, €50 u €530, u dan kif kien ser jirriżulta mill-appell inċidentali tiegħu. Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis ta' €530 li ddeċidiet l-ewwel Qorti, fejn ikkunsidrat il-*Low Voltage Installation: Items 1 sa 5,* u fejn l-intimat qed jikkontendi li kellu jitnaqqas b'€781, oltre l-VAT, u kellu jiżdied l-*Item 5* li jgħid li l-ewwel Qorti bi żvista naqset milli żżidu, l-argument tal-intimat huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. Ir-rikorrent jispjega li minn qari tas-sentenza appellata, jirriżulta li l-ewwel Qorti kienet qegħda tqabbel il-kont tar-rikorrent tal-2017 u mhux dak tal-2016, mal-kont finali tal-2018, u dan għaliex *"Il-Qorti diġà kkonkludiet li hija temmen il-verżjoni tal-attur li x-xogħlijiet tlestew fl-2017 u*

*mhux fl-2016".* Jikkontendi li fil-verità ir-riduzzjoni li għamlet l-ewwel Qorti hija eċċessiva, għaliex id-differenza bejn iż-żewġ kontijiet kienet ta' €300 u mhux ta' €530 kif iddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan kif huwa kien ser jispjega ulterjorment fl-appell inċidentali tiegħu. Dwar it-tieni aggravju, ir-rikorrent isostni li dan l-aggravju jistrieħ kollu kemm hu fuq l-apprezzament tal-provi li wettqet l-ewwel Qorti. Jissottometti li skont il-ġurisprudenza tagħna, Qorti tal-Appell m'għandhiex tidddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun wettqet l-ewwel Qorti. Jgħid li fil-każ odjern, m'hemm l-ebda raġuni serjissima li titlob lil din il-Qorti sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, li kien wieħed studjat u ddettaljat. Ir-rikorrenti jispjega li dan l-aggravju huwa saħansitra msejjes fuq il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li x-xogħlijiet tlestew sew wara l-2016, u dan għall-kuntrarju ta' dak li kien u għadu jinsisti fuqu l-intimat, jiġifieri qabel huwa mar jirrisjedi fil-fond f'Novembru 2016. Jirrileva li madankollu l-intimat ma kien ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan, għajr għall-kelma tiegħu stess, u dan meta fiċ-ċirkostanzi fejn hu kien allega li kien jirrisjedi barra minn Malta, il-prova kienet waħda faċli. Jirrileva li huwa kien ressaq prova sabiex juri li dan ma kienx minnu, jiġifieri minn barra l-kelma tiegħu stess huwa kien ippreżenta rċevuta tal-prezz tat-tank tal-ilma li tpoġġa fuq il-bejt u li kellha d-data tat-22 ta' Frar, 2017. Irrileva wkoll dak li qal l-intimat fl-affidavit tiegħu, liema affidavit qatt ma kien ġie notifikat lilu, li *"...il-plumbing għamlu kollu Emanuel Galea fil-preżenza tiegħi waqt il-vakanzi tal-Għid tas-sena 2018. [...] Ta' min jirrileva li meta s-Sur Scicluna kien ser jibda jinstalla l-units fil-preżenza tiegħi waqt il-vakanzi tal-Milied 2017 kien kejjel ħażin u spiċċa jtaqqab maduma bi żball".* Għalhekk fi kliemu stess, ix-xogħlijiet kienu għadhom sejrin matul l-2017 u l-2018. Ir-rikorrent jirrileva li minkejja dan, it-tieni aggravju

huwa kollu kemm hu msejjes fuq l-allegazzjoni tal-intimat li huwa kien mar jirrisjedi fil-fond f'Novembru 2016, u jindika d-diversi *items* li għalhekk l-intimat qed jinsisti li kellhom jitnaqqsu. Dwar it-tielet aggravju, ir-rikorrent jissottometti li dan huwa manifestament infondat għaliex hemm biss żewġ possibilitajiet: (a) jekk huwa kien ħallas il-VAT dovuta hekk kif ħareġ il-kont finali tal-4 ta' April, 2018, allura kellhom jitħallsu l-imgħaxijiet; (b) jekk huwa ma kienx ħallas l-imsemmija VAT, allura huwa kien ser jiġi espost għall-imgħaxijiet relattivi fuq l-istess VAT li huma sew iktar minn 8%, flimkien ma' konsegwenzi oħra anki dawk kriminali. Iddikjara li huwa fil-fatt kien ħallas il-VAT dovuta lill-Gvern ta' Malta, u għalhekk is-sentenza appellata kienet korretta. Dwar ir-raba' aggravju, ir-rikorrent jissottometti li dan huwa wieħed frivolu u vessatorju. Jirrileva li mill-korrispondenza voluminuża esebita fl-atti, jirriżulta biċ-ċar li l-intimat kien talab għal bosta kjarifiki fir-rigward tal-kont tiegħu fuq perjodu twil ta' xhur, u huwa kien tahom l-attenzjoni dovuta sakemm għaraf li l-intimat kien biss qed jittanta jirbaħ iktar żmien għall-ħlas. Irrileva li l-intimat saħansitra kien ilu iktar minn sitt xhur jitlob għal kjarifika, u dan fil-fehma tiegħu ma kienx raġonevoli xejn, u meta sussegwentement saret l-ittra uffiċjali fil-konfront tal-intimat, dan ma talab l-ebda kjarifika. Jgħid li l-ewwel Qorti naqset biss 20% mill-kont tiegħu, u ma kien hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għaliex l-intimat ma kellux iħallas imgħaxijiet fuq it-80% tat-talba li rriżultat ġustifikata.

12. Ir-rikorrent hawn jgħaddi sabiex jittratta l-*appell inċidentali* tiegħu. Jispjega li l-ewwel aggravju tiegħu jirrigwarda t-tnaqqis ta' €960 fir-rigward ta' *Electrical installation: Items 1* u *28.* Filwaqt li jiċċita estensivament mis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ttrattat il-kwistjoni tat-tnaqqis o meno tal-ammont ta' €960 mill-kont finali, jispjega li qatt waqt il-proċeduri quddiem l-imsemmija

l-ewwel Qorti ma nġabu a konjizzjoni tiegħu kliemu kif imfissra fil-kont tiegħu tat-13 ta’ Novembru, 2015 fejn iddikjara li *“Electrical Points done by others to be reduced form item A8”,* u għalhekk qatt ma kellu l-opportunità jispjega x’ried ifisser b’dan. Għalhekk ma kienx ġust li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti kienet imsejsa fuq din id-dikjarazzjoni tiegħu, u għadda sabiex spjega li huwa kien ukoll f’ħin minnhom meta weġġa’ l-impjegat tiegħu Emanuel Galea, inkariga lil *sub-contractor* li kien ħallsu huwa stess. Spjega li n-notament tiegħu għalhekk kien jirreferi għax-xogħlijiet tal-imsemmi *sub-contractor,* u għalhekk l-ammont ta’ €960 kellu jitnaqqas mid-dħul tiegħu stess. Dan jgħid li huwa kkorroborat mill-affidavit ta’ Emanuel Galea, u ddikjara li huwa lest li jikkonferma dan kollu bil-ġurament. Ir-rikorrent jgħid li t-tieni aggravju tiegħu jirrigwarda t-tnaqqis li l-ewwel Qorti ordnat tal-ammont ta’ €50 rappreżentanti *‘Electrical Installation: Item 13’.* Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qal Michael Scicluna fl-affidavit tiegħu, jissottometti li huwa impossibbli li appaltatur jagħti spjegazzjoni dettaljata ta’ kull ammont li kien jidher fil-kont tiegħu, u dan partikolarment meta hemm volum kbir ta’ xogħol involut bħal fil-każ odjern, u fejn l-ammont ikun wieħed relattivament żgħir bħal ma kien dak in kwistjoni. Għalhekk huwa kien naqas milli jagħti spjegazzjoni dettaljata dwaru, u ma kellux jitnaqqas mill-ewwel Qorti. It-tielet aggravju tar-rikorrent jirrigwarda tnaqqis ieħor ta’ €530 li jikkonċerna *‘Low Voltage Installation: Items 1 sa 5’.* Wara li r-rikorrent għamel riferiment għal dak li qalet l-ewwel Qorti, ir-rikorrent iddikjara li l-ammont ma kellu qatt jitnaqqas, u semmai ġaladarba l-ewwel Qorti kienet qegħda tqabbel il-kont tiegħu ta’ Jannar 2017 ma’ dak finali ta’ April 2018, kellu jitnaqqas l-ammont ta’ €300 u mhux ta’ €530. Ir-rikorrent jagħmel riferiment għal dak li qal Michael Scicluna fl-affidavit tiegħu dwar l-ammont in kwistjoni, u

jikkontendi li dan kellu jkun biżżejjed sabiex jiġġustifika ż-żieda imsemmija. Jirrileva li mill-atti jirriżulta li x-xogħlijiet eżegwiti ma kienux ta' natura komuni u kien jinvolvu sistema ta' *intelligent lighting,* sistema ta' *underfloor heating* u oħrajn, u għalhekk wieħed jistenna li dan jinvolvi iktar żmien u xogħol fejn saħansitra fil-mori jkunu saru iktar xogħlijiet, u għal dawn ir-raġunijiet kien hemm varjazzjoni bejn kont u ieħor. Ir-rikorrent jissottometti li ma kienx ikollu din id-diffikultà li kieku nħareġ kont sħiħ fl-aħħar hekk kif tlestew ix-xogħlijiet, iżda kif deher mill-provi, huwa kien joħroġ kont aġġornat kull sena sabiex b'hekk l-intimat kien ikun jaf fejn qiegħed. Madankollu din is-sistema addottata minnu l-intimat kien spiċċa jużaha kontrih.

13. L-intimat iwieġeb li l-aggravji kollha tar-rikorrent jolqtu biss il-mertu, u ma jgħidu xejn ġdid. Jikkontendi li ma tirriżulta l-ebda raġuni gravi għaliex din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti meta ddeċidiet sabiex tirriduċi l-ammonti in kwistjoni.

14. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-intimat, flimkien mal-ewwel aggravju tar-rikorrent kif imfisser fl-appell inċidentali tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-ammont pretiż ta' €960, li skont l-ewwel Qorti ġustament kellu jitnaqqas mill-kont finali, il-Qorti tagħraf li l-ewwel Qorti kkunsidrat fit-tul tassew jekk kellux isir dan it-tnaqqis kif kien qed jallega l-intimat. Iżda din il-Qorti tikkunsidra li l-ewwel punt li qanqlet l-ewwel Qorti kien wieħed deċiżiv, u ftit kellha x'tiddelibera iktar fuq il-kwistjoni. L-ewwel Qorti kkonstatat li l-intimat kien sewwa osserva fl-*email* tiegħu lil Michael Scicluna tat-8 ta' Ġunju, 2018 li l-ammont in kwistjoni kellu jitnaqqas mill-istima oriġinali

ta' €6,800, u li Michael Scicluna fil-kont tat-13 ta' Novembru, 2015[3] kien saħansitra iddikjara li dan kien jirrappreżenta *'Electrical Points done by others to be reduced from item A8'*. L-ewwel Qorti wara li kkunsidrat diversi fatturi indikattivi tal-fatt li ma kien hemm l-ebda xogħol li għalih l-intimat kien tenut iħallas għalih, irrilevat korrettement li r-rikorrent qatt ma spjega għaliex huwa baqa' jitlob għall-ħlas tal-ammont in kwistjoni fil-kontijiet sussegwenti tiegħu, fid-dawl tal-fatt li l-*points* kien saru minn ħaddieħor, u li għax-xogħol addizzjonali kien qed jintalab ħlas separat li kellu jiżdied mal-istima oriġinali ta' €6,800. Ir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu jikkontendi li huwa qatt ma ġie rinfaċċjat bil-fatt li fil-kont tiegħu tat-13 ta' Novembru, 2015 kienu ġew dikjarati l-imsemmija kliem, u għalhekk qatt ma kellu l-opportunità li jispjega x'ried ifisser bihom. Iżda l-Qorti tgħid li r-rikorrent ma jistax jippretendi li l-Qorti tieħu r-rwol ta' investigatur u saħansitra tgħinu jippreżenta l-każ tiegħu kontra l-intimat. Tirrileva li r-rikorrent kien jaf sew li l-ammont ta' €960 kien qed jiġi kkontestat mill-intimat, ammont li tgħid mhux wieħed insinifikanti, u għalhekk kellu jieħu ħsieb li jilqa' sew għall-eċċezzjoni tal-imsemmi intimat. Barra minn hekk, ma jistax jippretendi li proprju f'dan l-istadju tal-appell huwa għandu jressaq sottomissjonijiet ġodda li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni, u saħansitra jintlaqgħu sabiex b'hekk titħassar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Dak li qed jippretendi jista' biss iċaħħad il-parti l-oħra minn dibattitu sħiħ quddiem l-ewwel Qorti, fejn il-kwistjoni ma tibqax soġġetta għalhekk għal eżami doppju. Għaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra li m'hemm l-ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel Qorti dwar it-tnaqqis relattiv tal-ammont ta' €960.

[3] Kopja *a fol.* 49.

15. L-intimat jikkontendi li ġaladarba ġie deċiż li għandu jitnaqqas dan l-ammont, l-ewwel Qorti kienet tenuta tnaqqas ukoll il-VAT fuqu kif inkluż fil-kont finali tar-rikorrent. Il-Qorti tagħraf li dan l-ammont kif jidher kemm f'Dok. NBK2 a *fol.* 103 imħejji mill-intimat, u anki fl-istima tat-13 ta' Novembru, 2015 magħmula mir-rikorrent, ma jkoprix il-VAT dovuta. Għandu jingħad li l-ewwel Qorti osservat li *"...l-element tal-VAT huwa identifikat kjarament fil-kont finali tal-attur meta dan ġie applikat fl-aħħar tal-istess kont fuq it-total tal-prezz tal-items kollha elenkati fil-kont".* Għalhekk meta l-istess Qorti ddeċidiet li kellu jitnaqqas l-ammont ta' €960 minn dak dovut lill-attur, kellha titnaqqas ukoll il-VAT fuq l-imsemmi ammont, b'kollox €1,132.80. L-istess jingħad fir-rigward tal-ammont ta' €50 li l-ewwel Qorti sabet li għandu jitnaqqas mis-somma pretiża mir-rikorenti, jiġifieri b'kollox għandu jitnaqqas l-ammont ta' €59. Dan ukoll wara li l-Qorti qieset it-tieni aggravju mressaq mir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu, u sabet li l-ewwel Qorti kellha raġun li tiddeċiedi li dan l-ammont kellu jitnaqqas fid-dawl tan-nuqqas ta' prova konvinċenti biżżejjed min-naħa tal-istess rikorrent. Jirriżulta li l-ewwel Qorti korrettement straħet fuq il-prova dokumentarja, fejn hija kellha quddiemha biss ix-xhieda ta' Michael Scicluna, liema prova din il-Qorti tgħid li fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, għandha titqies bħala l-aħjar prova. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar ammont ta' €530 li l-ewwel Qorti sabet li għandu wkoll jitnaqqas, din il-Qorti tikkunsidra qabel xejn it-tielet aggravju tar-rikorrent fejn jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet qegħda tqabbel il-kont tiegħu ta' Jannar 2017 mal-kont finali tiegħu ta' April 2018, u għalhekk it-tnaqqis kellu jkun biss ta' €300. Iżda l-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti sabet li r-rikorrent ma kien ressaq l-ebda rendikont sabiex jispjega fhiex kienet tikkonsisti ż-żieda fl-*items* in kwistjoni, u għal din ir-raġuni ddeċidiet li għandhom jitnaqsu

mill-kont finali l-ammonti kollha miżjuda magħhom jew is-somma ta' €530 kif dikjarata minnha. Din il-Qorti għal darb'oħra ma tarax li għandha tbiddel id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, u għalhekk filwaqt li tiċħad dan l-aħħar aggravju tar-rikorrent, tikkonferma li l-ammont kif dikjarat minnha huwa dovut. Iżda għandha tgħid ukoll li huwa ġustikat l-ewwel aggravju tal-intimat fejn dan jikkontendi li l-ewwel Qorti bi żvista naqset milli tgħodd ukoll l-ammont indikat taħt *Item 5* li huwa ta' €251. B'hekk il-Qorti tgħid li l-ammont li għandu jitnaqqas hawnhekk, minflok €530 għandu jkun ta' €921.58.

16. Għaldaqstant, din il-Qorti tgħid li b'hekk it-total pretiż għandu jonqos bl-ammont ta' €2,113.38, skont kif jikkontendi l-intimat fl-ewwel aggravju tiegħu, u għaldaqstant dan l-aggravju huwa ġustifikat, u l-Qorti tilqgħu.

17. It-tieni aggravju tal-intimat jirrigwarda l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm diversi xogħlijiet li tlestew *"ferm wara s-sena 2016",* u kull argument tiegħu li jsegwi, jistrieħ proprju fuq din il-kontestazzjoni. Din il-Qorti ma ssibx li l-intimat għandu raġun, u tikkondividi pjenament il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti li ddikjarat li hija ma kinitx konvinta minn dak li qed jikkontendi l-intimat, jiġifieri li x-xogħlijiet tlestew kollha hekk kif kien inħareġ il-kont tat-13 ta' Jannar, 2015. L-ewwel Qorti korrettement irrilevat li f'dan il-kont, l-attur kien inkluda saħansitra diversi xogħlijiet tal-elettriku li kienu għadhom ma sarux kif indikat fis-sezzjoni "B" intestata *"Extra Work to be Done".* Irrilevat ukoll li l-intimat stess fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019[4], qal li wara li ntbagħat il-kont finali tal-4 ta' April, 2018 kien għad fadal *"xi snags"*. L-ewwel Qorti anki hawn ħadet in konsiderazzjoni il-provi li ressaq ir-rikorrent

[4] *A fol.* 28.

dwar il-bżonn ta' tkabbir tal-ispazju u dwar iż-żmien li fih tlestew ix-xogħlijiet relattivi, u qalet li dawn kienu konvinċenti u saħansitra mhux kontradetti. Il-Qorti żżid tgħid biss li d-differenzi li jirriżultaw fid-diversi kontijiet esebiti minn *fol.* 117 sa 124 juru wkoll li x-xogħlijiet ċertament ma tlestewx qabel l-2016. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel Qorti, u tqis li kull argument mibni mill-intimat fuq il-premessa ħażina tiegħu ma jistax ireġi. Għalhekk tgħid li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat fl-intier tiegħu, u tiċħdu.

18. It-tielet u r-raba' aggravji tal-intimat jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li timponi l-imgħaxijiet fuq is-somma dovuta. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-intimat jikkontendi li l-ewwel Qorti ma kellhiex timponi imgħaxijiet legali fuq il-VAT mitlub mir-rikorrent. Il-Qorti tosserva li r-rikorrent permezz tar-rikors tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, mill-ewwel talab għall-ħlas ta' imgħaxijiet fuq is-somma pretiża minnu, iżda l-intimat ma ressaq l-ebda eċċezzjoni sabiex jilqa' kontra l-eventwali possibbli deċiżjoni tal-ewwel Qorti ta' impożizzjoni ta' imgħax anki fuq il-VAT. Dan kellu kull opportunità li jagħmlu matul il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, fejn saħansitra seta' faċilment jitlob sabiex jiġi ndikat separatament dak dovut għax-xogħol eżegwit mir-rikorrent u dak dovut għall-materjal. Iżda dan naqas milli jagħmlu u l-Qorti ma tarax li għandha issa tippermetti f'dan l-istadju li jinfetaħ il-mertu mill-ġdid. Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-tielet aggravju tiegħu. Anki dwar ir-raba' aggravju tal-intimat, din il-Qorti tgħid li m'għandux raġun. Huwa ferm stabbilit fil-ġurisprudenza li fi kwistjonijiet ta' natura kummerċjali, l-imgħaxijiet għandhom saħansitra jiddekorru sa mid-data tal-fattura. Dan ifisser li r-rikorrent għażel li jitlef dan il-benefiċċju u minflok talab sabiex l-imgħax jitħallsu mid-data tal-ewwel ittra

interpellatorja ġudizzjarja tiegħu. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' din it-talba, u għalhekk anki dan l-aggravju tal-intimat mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi (i) dwar l-appell tal-intimat, billi tilqgħu limitatament kif imfisser hawn fuq f'din is-sentenza, u (ii) dwar l-appell inċidentali tar-rikorrenti, billi tiċħdu fl-intier tiegħu, u dan filwaqt li tbiddel is-sentenza appellata billi tiddikjara li s-somma li għandha titħallas mill-intimat lir-rikorrent għandha tiġi ridotta bl-ammont ta' elfejn mija u tlettax-il Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2,113.38) għal sitt elef ħames mija ħamsa u disgħin Euro u tmienja u erbgħin ċentezmu (€6,595.48).**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-partijiet skont l-istess kwoti stabbiliti mill-ewwel Qorti, u dawk tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**